



Brussell, 18 ta' Frar 2026  
(OR. en, es)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0169 (COD)

---

---

6236/26  
ADD 3

LIMITE

JUSTCIV 24  
JAI 186  
EJUSTICE 10  
CODEC 209  
FREMP 46

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-  
ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-infurzar tal-miżuri u l-  
kooperazzjoni fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-adulti  
- Approċċ ġenerali  
- Dikjarazzjoni minn Spanja

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dikjarazzjoni minn Spanja li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u tal-Kunsill.

**Spanja** għandha l-istess objettiv tal-proposta għal Regolament, jiġifieri li jittejjeb it-trattament f'każijiet transfruntieri li jinvolvu lil adulti b'indeboliment jew insuffiċjenza tal-kapaċitajiet personali tagħhom.

Madankollu **ma nistgħux nappoġġaw l-approċċ ġenerali**. Jiddispijain li t-test mhuwiex ambizzjuż biżżejjed, u huwa opportunità mitlufa biex jittejjeb id-dritt ta' awtonomija għall-adulti f'dawn is-sitwazzjonijiet.

L-ewwel nett ma jkix biżżejjed il-prinċipji li jinsabu fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2006 dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Ir-rispett għall-awtonomija ta' dawn l-individwi, għax-xewqat tagħhom, u t-tixrid tal-miżuri ta' appoġġ mhumiex indirizzati biżżejjed fit-test.

It-tieni, ir-regolazzjoni tad-detenzjoni tal-adulti tqajjem kwistjonijiet li ser jagħmlu diffiċli l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tagħha fil-marġini taċ-ċertezza legali. L-istess japplika għall-qsim ippjanat tal-kostijiet f'każijiet transfruntieri. Dan għandu impatt partikolari fuq pajjiżi li jirċievu għadd kbir ta' adulti, bħal Spanja.